**KUNSILL LOKALI** **LOCAL COUNCIL**

**BORMLA**
*Citta' Cospicua*

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Bormla

## Is-8 LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 003/2019

28 ta' Awissu 2019

Il-Kunsilli Lokali Bormla ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 2A, The Rest, Pjazza Santa Margerita, Bormla, fil-5:30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI:**

| | |
|---|---|
| Alison Zerafa Civelli | – Sindku |
| Marco Agius | – Vici-Sindku |
| Noyah Spiteri Hammett | – Kunsilliera |
| Johann Scerri | – Kunsillier |
| Martin Vella | – Kunsillier |
| Melanie Agius Attard | - Kunsilliera |

Membri tal- Pubbliku: (0)

**ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**
James Cauchi - Kunsillier

**ASSENTI:**
Nil

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**
Duncan Hall – Segretarju Eżekuttiv

**Minuti**

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli, Sindku, ppresjediet l-laqgha

## 03.1 Qari ta' ittri ta' apologija

03.1.1 Is-Sindku qrat e-mail mibghuta mill-Kunsillier James Cauchi li permezz taghha, il-Kunsill Lokali gie mitlub jikkunsidra l-possibilita' illi jiggustifika n-nuqqas ta' attendenza ghas-seduta tal-Kunsillier Cauchi ragunijiet ta' sahha. Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi n-nuqqas tal-Kunsillier Cauchi kellu jigi meqjus bhala gustifikat.

## 03.2 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni ta' minuti

03.2.1 Il-minuti ta' seduta numru 2 kienu tqassmu lill-Kunsilliera qabel is-seduta u ghaldaqtant gew meqjusa bhala moqrija

03.2.2 Wara kunsiderazzjoni, fuq mozzjoni tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Martin Vella, il-minuti ġew approvati b'votazzjoni unanima.

03.2.3 Is-Sindku u s-Segretarju Ezekuttiv iffirmaw il-minuti bhala dokument korrett.

## 03.3 Komunikazzjonijiet mis-Sindku

03.3.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellha mad-Direttur Generali tal-Cleansing and Maintenance Department. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi matul l-istess laqgha kienet giet diskussa l-possibilita' ta' programm ta' infurzar bejn il-Kunsill Lokali u l-istess Dipartimetn

03.3.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi waqt laqgha tar-Regjun Xlokk kienet giet infurmata illi l-istess Regjun Xlokk kien ser ikun qieghed jghaddi numru ta' ash trays biex jitwahhlu f'postijiet pubblici lill-Kunsilli Lokali kollha li kienu jiffurmaw parti mir-Regjun imsemmi.

03.3.3 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kellha mal-Onor. Glenn Bedingfield mill-fondazzjoni Kottonera u ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-istess laqgha.

03.3.4 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv kellha mal-president tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsilliera prezenti dettalji ta' dak li kien gie diskuss waqt l-istess laqgha.

03.3.5 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali bi programm ta' tahrig li l-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali kienet qieghda tippjana li torganizza matul ix-xahar ta' Settembru 2019.

03.3.6 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv u l-Vici-Sindku kellha mal-Onor. Ministru Ian Borg. Is-Sa. Zerafa Civelli ghaddiet lill-Kunsill Lokali dettlaji ta'dak li kien gie diskuss.

02.3.7 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'laqgha li kienet inzammet mal-Awtorita' Maltija ghat-Turizmu u li matulha kienu gew diskussi preparamenti li kienu qieghidn isiru bil-ghan illi matul Ottubru 2019 tittella' attivita' sportiva fil-lokalitajiet ta' Bormla u l-Birgu.

02.3.8 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali b'komunikat li l-Kunsilli Lokali kollha kienu ircevew b'konnessjoni ma' servizzi ta' *contracts manager* li kull Kunsill Lokali kien mistenni li jkollu. Is-Sindku sahqet illi l-Kunsill Lokali kien diga' konformi mal-ligi ghalkemm seta' jkun hemm diskussjonijiet dwar l-operat tal-kuntrattur innifsu fil-futur qarib.

## 03.4 Twegibiet ghall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

03.4.1 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa "Triq li hemm bejn pjazza Santa Margerita w l-bandli f'hiex wasslu l proceduri biex tinghalaq ghat traffic ?"

Is-Sindku wiegbet "Il-Kunsill Lokali talab gwida teknika lil Transport Malta dwar il-materja. Il-Kunsill Lokali huwa nfurmat li Transport Malta qieghda thejji rapport b'pariri dwar il-materja. Hekk kif ir-rapport jasal ghand il-Kunsill Lokali jittella' seduta biex jigi diskuss u eventwalment tittiehed decizjoni peress illi din il-materja ghadha qatt ma giet diskussa ufficjalment waqt seduta".

03.4.2 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa "Il-fanal bi tliet bozoz li kien hemm quddiem ir-Rialto fejn hemm il-balavostri fejn qieghed ? ritratt mehmuz"

Is-Sindku wiegbet " Il-fanal imsemmi nqala sabiex ikunu jistghu jsiru xogholijiet fuq balavostri fiz-zona in-kwistjoni. Il-Kunsill Lokali ha hsieb illi l-fanal jigi merfugh. Il-Kunsill Lokali inghata rakkomandazzjoni minn zewg periti u kuntrattur kompetenti fix-xoghol relatat sabiex ma jigix installat il-fanal li kien hemm".

03.4.3 Is-Sur Martin Vella staqsa "Ic-cint ta' quddiem ir-Rialto hemm descrepanza fil-livell in-naha ta' isfel qieghed gholi w naha ta' fuq qieghed baxx jista jkolna spjegazzjoni dan dawn id-dizlivelli w meta se jkun lest, ghax suppost kellu jkun lest sa l'ahhar ta' Lulju".

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli wiegbet " Ix-xoghol imsemmi qieghed isir mill-Ministeru ghat-Trasport, Infrastruttura u Progetti Kapitali. Il-kwistjonita' zmien tqajmet waqt laqgha li l-Kunsill Lokali kellu mal-Onor. Ministru Ian borg li min-naha tieghu weighed illi ser ikun qieghed jintervjeni sabiex ix-xoghol jitlesta' fl-iqsar zmien possibbli. Il-Kunsill Lokali ser ikun qieghed formalment jilmenta dwar l-okkorrenza tad-dizlivelli".

03.4.4 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa " Ground Peppi Delceppo meta se jibda x-xoghol".

Is-Sindku wiegbet " Din il-materja ser tkun qieghda tigi diskussa f'aktar dettall aktar tard waqt l-istess seduta".

03.4.5 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa "Meta se jkompli x-xoghol fuq il-housing ta' Triq Hanover".

Is-Sindku wiegbet "Minn verifika li saret matul din il-gimgha waslu fil-final in-negozjati sabiex jigi aggudikat il-kuntratt tal-bini. Kem mil-darba ma jkunx hemm appelli ix-xoghol ghandu jitkompla fl-ahhar kwart tal-2019."

03.4.6 Il-Kunsillier Martin Vella staqsa " Tista tinghata spjegazzjoni rigward il-bitha ta' wara l-Kunsill".

Is-Sindku wiegbet "dwar l-art in-kwisjtoni fil-passat kien hemm kuntatt mas-sid bil-hsieb illi l-Kunsill Lokali jinghata koncessjoni biex jaghmel uzu mill-istess art bi hlas nominali. Kemm il-darba l-Kunsill Lokali jiddeciedi setghu jitkomplew id-diskussjonijiet".

*F'dan l-istadju dahlet ghas-seduta is-Sa. Noyah Spiteri Hammett (17:50)*

## 03.5 Approvazzjoni ta' skedi ta hlasijiet;

03.5.1 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali skeda ta' hlasijiet (Skeda nru09/18) ghall-approvazzjoni.

03.5.2 Fuq proposta tas-Sa. Noyah Spiteri Hammett ssekondata mis-Sur Marco Agius, il-Kunsill Lokali unanimament approva il-pagamenti inkluzi fl-iskeda ta' hlasijiet li tinstab annessa u tifforma parti minn dawn il-minuti (DOK A).

03.5.3 Is-Sindku ressqet fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista' ta' petty cash mahrug matul ix-xahar ta' Lulju 2019 ghall-approvazzjoni.

02.5.4 Fuq proposta tas-Sur Martin Vella ssekondata mis-Sur Johann Scerri, il-Kunsill Lokali unanimament approva id-dokument li jinsab anness u jifforma parti minn dawn il-minuti (DOK B).

**03.6 Mozzjonijiet**

03.6.1 *Mozzjoni numru 01/2019*

Peress li qiegħed ikun osservat li Fuq San Pawl, Bormla fil-parti tat-triq indikata fuq il-pjanta ta' hawn that hemm nuqqas ta' dawl.
U peress li xi resident qed jilmentaw minn dan in-nuqqas ta' dawl kif ukoll dwar abbuzi li qed isiru
Qed inressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokal il-proposta biex f'din il-parti tat-triq tizdied lanterna ohra.

Proponent : Alison Zerafa Civelli
Sekondant : Johann Scerri

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.2 *Mozzjoni numru 02/2019*

Peress li kontinwament qieghed ikun hemm parking abbuziv fuq il-bankina biswit Blk4B, San Gwann t'Ghuxa qabel ma tidhol ghal fuq il-bridge, qed nipproponi li jsir pedestrian railing jew bollards biex jigi eliminat dan l-abbuz.

Proponent : Melanie Agius Attard
Sekondant : Martin Vella

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.3 *Mozzjoni numru 04/2019*

Qed nipproponi li l-Kunsill Lokali japplika ghall-permessi mehtiega ma' Transport Malta sabiex faccata ta' garaxx numru 103, Triq ix-Xatt, Bormla isiru 'double yellow line' peress li meta jkun hem mil-vetturi pparkjati, sid il-garage ma jkunx jista' jidhol u johrog mill-garage tieghu.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.4 *Mozzjoni numru 05/2019*

Qed nipproponi li fi Triq San Rokku, fil-parti mmarkata fuq il-pjanta annessa, isir xoghol ta' manutenzjoni fuq il-bankina ghaliex tinstab fi stat hazin. Ghaldaqstant, nipproponi li din il-parti tal-bankina tinghata kisja bic-*cement*.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Alison Zerafa Civelli

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.5 *Mozzjoni numru 06/2019*

Nipproponi li l-Kunsill Lokali jikseb parir tekniku minghand perit biex ikun jista' jwettaq tikhil ta' fili tac-cangaturi taz-zonqor fi Triq Matty Grima u Triq San Lazzru.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.6 *Mozzjoni numru 08/2019*

Peress li minhabba x-xoghol li qed isir fuq il-ferry landing inqala kanun li kien hemm fuq il-moll u li mieghu kienet tintrabat il-lanca, nisuggerixxi li l-Kunsill jaghmel kuntatt mal-entita' responsabbli mill-patrimonju kulturali ta' Malta, bil-ghan li l-kanun jigi restawrat u jitpogga f'post adattat biex jitgawda mill-poplu minflok ma' jerga' jintradam fil-konkos.

Proponent : Martin Vella
Sekondant : Melanie Agius Attard

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

03.6.7 *Mozzjoni numru 09/2019*

Minkejja li l-Kunsill Lokali ghandu kuntratti tal-gbir ta' domestiku kif ukoll tal-iskart goff, xorta ghad hemm min baqa' jitfa' dan it-tip ta' skart bl-addocc u ghalhekk qieghed nissuggerixxi li jiena bhala kunsillier, meta jkun mehtieg, nuza l-vettura tal-Kunsill ghaliex perswaz li l-ezempju jkaxkar.

Is-Sa. Alison Zerafa Civelli ipproponiet emenda skont art 15(7) tas-sitt skeda tal-att dwar il-Gvern Lokali. Hija sahqet illi kellu jintehha l-kliem "u ghallhekk qieghed nissuggerixxi li jien bhala kunsillier, meta jkun mehtieg, nuza l-vettura tal-Kunsill ghaliex perswaz li l-ezempju jkaxkar" u minfloku jizdied il-kliem " Il-Kunsill Lokali ser jorganizza programm ta' tindif li jinkludi l-uzu tal-vettura tal-Kunsill Lokali biex jingabar certu skart, uzu ta' *power wash* u knis bil-partecipazzjoni ta' residenti u kunsilliera".

Is-Sa. Melanie Agius Attard issekondat l-emenda tas-Sindku u wara votazzjoni il-mozzjoni giet approvata nem.con

F'dan l-istadju dahal ghas-seduta is-Sur Marco Agius (18:35)

03.6.8 *Mozzjoni numru 03/2019*

Peress li qieghed ikun osservat li hemm nuqqas ta' dawl f'Sur San Gwann, Bormla kif indikat fil-pjanta hawn taht;
U peress li xi resident qed jilmentaw minn dan in-nuqqas ta' dawl kif ukoll dwar abbuzi li qed isiru

Qed inressaq ghall-kunsiderazzjoni tal-Kunsill Lokal il-proposta biex f'din il-parti tat-triq tizdied lanterna ohra.

Proponent : Marco Agius
Sekondant : Noyah Spiteri Hammett

Il-mozzjoni ghaddiet b'votazzjoni unanima.

**3.6 Mili ta' postijiet vakanti**

3.7.1 Is-Sindku spjegat illi hekk kif diskuss, il-Kunsill Lokali kien talab lil Jobsplus tinforma lil dawk li kienu qieghdin jirregistraw ghax-xoghol (part 3) sabiex jissottomettu curriculum vitae kemm il-darba jkunu interessati li jimlew il-post vakanti ta' skrivan fi skala 15 fi hdan il-Kunsill Lokali ta' Bormla. Is-Sa. Zerafa Civelli ziedet tghid illi mil-lista li kienet intbaghtet, il-Kunsill Lokali kien ircieva curriculum vitae minghand kandidata wahda, liema kandidata ma kenitx irrispondiet ghas-sejha tal-Kunsill Lokali sabiex tattendi ghal interview.

3.7.2 Wara diskussjoni libera gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jinforma lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali u jmexxi bil-process sabiex tinhareg is-sejha li kien imiss.

**3.8 Zamma u manutenzjoni ta' soft areas u gonna pubblici**

3.8.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi hekk kif diskuss precedentement, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadmet fuq abbozz ta' dokument bil-ghan illi tinhareg sejha ghall-offerti ghaz-zamma u manutenzjoni ta' soft areas u gonna pubblici. Is-Sa. Zerafa ghaddiet biex tipprezenta d-dokument fuq il-mejda tal-Kunsill, liema dokument gie evalwat mill-Kunsilliera u approvat b'mod unanimu. Is-Segretarju Ezekuttiv informa lill-Kunsilliera illi kien ser ikun qieghed jiehu hsieb illi s-sejha tigi ppublikata fl-iqsar zmien possibbli.

3.8.2 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi bil-ghan illi x-xoghol fuq il-gonna u *soft areas* ma jieqafx sakemm tigi ppublikata u aggudikata s-sejha ghall-offerti, flimkien mal-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kienet hadet hsieb illi jingabru tliet stimi ghal servizz temporanju. Wara li gew evalwati l-istimi li kien ircieva l-Kunsill Lokali, kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi x-xoghol kellu jinghata lill-orhos offerent li kien lest li jahdem ghall-prezz ta' Ewro2,124.00 fix-xahar.

**3.9 Sejhiet ghall-offerti**

3.9.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera illi l-evalwaturi ghas-sejhiet ghall-offerti li kienu nhargu mill-Kunsill Lokali ghal xoghol ta' resurfacing u ghar-rigenerazzjoni ta' grawnds Peppi Delceppo kienu qieghdin jigu mhegga jwettqu hidmiethom fl-iqsar zmien possibbli. Wara li spjegat lill-Kunsillier l-godda x'kien sehh fil-passat b'konnessjoni mal-istess sejhiet ghall-offerti, is-Sa. Zerafa Civelli sahqet illi kienet

ser tkun qieghda zzomm lill-Kunsilliera infurmati b'eventwali zviluppi li seta' jkun hemm.

**3.10 Poloz ta' assikurazzjoni**

3.10.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-kumpanija ta' assikurazzjoni kienet infurmat lill-Kunsill Lokali illi l-poloz ta' assikurazzjoni kienu ghalqu u kien hemm il-htiega li jigu mgedda mill-gdid. Wara diskussjoni libera bejn il-Kunsilliera prezenti, kien hemm qbil illi l-Kunsill Lokali kellu jgedded il-poloz ta' assikurazzjoni mal-kumpanija in-kwistjoni.

**3.11 Cospicua Short Play Festival**

3.11.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti bl-arrangamenti li kienu qieghdin isiru sabiex hekk kif maqbul matul l-ahhar tmiem il-gimgha ta' Awissu 2019 tittella' t-tieni edizzjoni tal-Cospicua Short Play Festival. Is-Sa. Zeraf Civelli ziedet ghid illi b'konnessjoni mal-istess attivita' kienu ingabru numru ta' stimi u pprezentat fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali rapport dettaljat ( anness ma' dawn il-minuti bhala DOK 'C' ) dwar l-estimi relatati mal-attivita'. Wara li inqraw l-estimi, u wara li s-Sa. Zerafa Civelli spjegat illi Ewro 8 000 kienu ser jaslu mill-iskema ghall-attivitajiet kulturali mnehdija mis-Segretarjat Parlamentari ghall-Gvern Lokali, il-kunsill Lokali fuq proposta tas-Sa. Alison Zerafa Civelli ssekondata mis-Sur Martin Vella, unanimament qabel illi kellu jidhol ghall-ispiza msemmija.

**3.12 Fondi mill-Agenzija LESA**

3.12.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi l-agenzija LESA kienet qieghda tpoggi ghad-disposizzjoni tal-Kunsill Lokali ta' Bormla s-somma ta' Ewro 2839.26, liema fondi setghu jigu utilizzati skont linji gwida li l-istess Kunsill Lokali kien irceiva mill-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali. Wara diskussjoni libera, il-Kunsill Lokali qabel illi kemm il-darba jkun possibbli l-fondi kellhom jintuzaw sabiex isir xoghol ta' hadid bi skop dekorattiv ghal triq Id-Dejqa (replika ta' hadid li originarjament kien hemm). L-amministrazzjoni tal-Kunsill Lokali kellha tiehu hsieb illi timtela' l-applikazzjoni rispettiva.

**3.13 Rapporti**

3.13.1 Is-Sindku ressqet rapport dwar korrispondenza li kienet tinhtieg decizjoni mill-Kunsill Lokali. Ittiehdu s-segwenti decizjonijiet:

- Gie deciz illi kellu jigi ffirmat memorandum of Understanding li kien gie propost mill-fondazzjoni Nanniet.

- Kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera illi l-Kunsill Lokali kellu jippartecipa fil-Jum Dinji kontra t-traffikar tal-bnedmin.
- Kien hemm qbil illi talba kellha tintalab il-kollaborazzjoni ta' Infrastructure Malta sabiex issir raised belisha crossing fi Triq San Pawl.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi talba ghal rimbors ta' danni minn sid ta' vettura li allegatament kien sofra hsara fil-vettura tieghu waqt li kienu qieghdin isiru xogholijiet fi Triq San Gorg kienet giet mghoddija lil Infrastructure Malta.
- Bi qbil unanimu bejn il-Kunsilliera, gie deciz illi kellha tigi applikata klawsola 4.2.5 tal-kundizzjonijiet specifici tal-kuntratt tal-knis u jinxtraw GPS tracking devices mal-kontenituri li jintuzaw mill-kenniesa waqt il-qadi ta' dmirijiethom
- Permezz ta' korrispondenza mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, l-istess Kunsill Lokali gie infurmat illi b'konnessjoni ma' korrispondenza li kien baghat il-Kunsill Lokali lid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, Deputat Segretarju Ezekuttiv kellu jkun ufficjal minn skala 11 'il fuq.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat illi resident kien baghat korrispondenza lill-kumpanija GO bil-ghan illi jitnaddfu telephone boxes li kien hemm fil-lokalita'.
- Gie deciz illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta proposta ghal car wash imressqa mis-Sa. Noyah Spiteri Hammett nhar is-7 ta' Ottubru 2019. B'konnessjoni mal-istess attivita' kellha tintbaghat ittra lill-ghaqdiet tal-lokalita' u jsir reklamar min-naha tal-Kunsill Lokali.
- Giet approvata applikazzjoni ghal reklamar fuq ghamara tat-toroq fi Pjazza Santa Margerita.
- Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil illi l-Kunsill lokali kellu jidhol ghall-ispiza ta' kiri ta' dawl b'konnessjoni mal-Malta International Wine Festival. Dan wara li gie spjegat lill-Kunsilliera kif l-attivita' kienet ittellghat b'kollaborazzjoni bejn il-Kunsill Lokali u kumpanija privata bis-sehem tal-Kunsill Lokali jkun il-hlas tal-kirja tal-apparat elettroniku li ntuza waqt l-istess attivita'.
- Il-Kunsill Lokali gie infurmat mill-Awtorita' tal-Ippjanar illi nhar it-12 ta' Settembru 2019, l-istess bord kien ser ikun qieghed jiltaqa' biex jiehu decizjoni b'konnessjoni ma' applikazzjoni numru PA/07496/16. Is-Sindku sahqet illi l-Kunsill Lokali kien qieghed isegwi mill-qrib l-imsemmija applikazzjoni u kien ser ikun qieghed jiehu pozizzjoni dwar il-materja peress illi kien ser ikollu vot fuq il-bord tal-awtorita' tal-ippjanar dakinhar li tittiehed id-decizjoni.
- Gie deciz illi l-Kunsillier Martin Vella kellu jiltaqa ma' resident li xtaq jimplimenta xi inizjativi fil-lokalita'.

3.13.2 Is-Sur Martin Vella pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali pjanta taz-zona maghrufa bhala Santa Margerita u sahaq kif fl-opinjoni tieghu, il-Kunsill Lokali kellu jaqleb id-direzzjoni tas-sewqan f'parti minn Triq Matty Grima. Wara li s-Sur Vella spjega fid-dettall dak li kien qieghed jipproponi, kien hemm qbil unanimu illi l-Kunsill Lokali kellu jadotta l-proposta tas-Sur Vella.

F'dan l-istadju is-Sa. Noyah Spiteri Hammett halliet is-seduta (19:15)

3.13.3 Is-Sur Martin Vella informal ill-Kunsill Lokali bl-arrangamenti li kien qieghed jaghmel b'konnessjoni ma' attivita' sportiva li kien qieghed jippjana li jtella' fil-lokalita' matul l-2019. Kien hemm qbil unanimu bejn il-Kunsilliera prezenti illi l-Kunsill Lokali kellu jinghata aktar dettalji tal-attivita' hekk kif ikunu saru l-preparamenti kollha.

3.13.4 Il-Kunsilliera Melanie Agius Attard infurmat lill-Kunsilliera prezenti illi kienet ghaddejja bil-preparamenti sabiex flimkien mal-NGO Ewropadonna torganizza mixja minn Pjazza Santa Margerita lejn Pjazza Gavino Gulia.

3.13.5 Il-Kunsilliera Melanie Agius Attard infurmat lill-Kunsill Lokali illi kienet qieghda taghmel il-kordinamenti mehtiega bil-ghan illi nhar l-24 ta' Novembru 2019 fil-lokalita' jkun hemm *Mobile Blood Donation Unit*.

F'dan l-istadju is-Sa. Melanie Agius Attard halliet is-seduta (20:25)

3.13.6 Is-Sur Johann Scerri qal illi kien ghaddiet bil-preparamenti mehtiega sabiex nhar it-12 ta' Dicembru 2019 tittella' attivita' relatata ma' zmien il-Milied gewwa l-lokalita'. Is-Sur Scerri sahaq illi l-attivita' kienet ser tkun qieghda tikkonsisti f'serata varjata li kellha tintemm quddiem l-Universita' Amerikana ta' Malta ( Bacir Nru.1). Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi aktar dettalji kellhom jigu mghoddija lill-Kunsill Lokali waqt seduti segwenti hekk kift tkun qorbot l-attivita' nnifisha.

3.13.7 Is-sur Johann Scerri pprezenta fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali lista ta' membri li kien qieghed jigi propost li jkunu jiffurmaw is-sotto kumitat li minnu huwa kien responsabbli. Wara li inghataw id-dettalji tal-individwi, il-membri gew unanimament approvati mill-Kunsilliera prezenti

**3.14 Hatra ta' kumitat tal-Finanzi**

3.14.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi b'konnessjoni mal-operat tal-Kunsill Lokali kien hemm il-htiega li jinhatar kumitat tal-finanzi. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-kumitat tal-finanzi kellu jkun kompost mis-Sindku, is-Segretarju Ezekuttiv, l-accountant tal-Kunsill Lokali u l-Kunsilliera Johann Scerri u James Cauchi.

**3.15 Pjan ta' hidma**

3.15.1 Is-Sindku infurmat lill-Kunsill Lokali illi bl-emendi li kienu dahlu fis-sehh fl-att dwar il-Gvern Lokali kienet giet mibdula l-procedura li l-Kunsill Lokali kellu jadotta meta jkun qieghed ifassal il-pjan ta' hidma. Is-Sindku ziedet tghid illi b'konnessjoni mal-imsemmija emendi, il-Kunsill Lokali kien qieghed jigi obbligat illi jsejjah laqgha pubblika li matulha jisma' s-suggerimenti u kummenti tar-residenti qabel jadotta l-pjan ta' hidma ghal-legislatura. Wara diskussjoni libera, gie stabbilit illi l-imsemmija laqgha pubblika kellha tinzamm nhar is-27 ta' Settembru 2019 fis-18:00 gewwa l-binja amministrattiva tal-Kunsill Lokali.

**3.16 Monument fi Triq il-Polvrista**

3.16.1 Is-Sindku qalet illi wara diskussjoni kellha ma' numru ta' kunsilliera, kienet qieghda tigi kkunsidrata l-possibilita' Illi jsir monument tal-mibki Sunny Aquilina fi Triq il-Polvrista. Ghal dan il-ghan, il-perit ta' Kunsill Lokali kien gie inkarigat jhejji xi disinji, liema disinji gew ipprezentati fuq il-mejda tal-Kunsill Lokali (li jiffurmaw parti u huma annessi ma' dawn il-minuti u mmarkati bhala Dok 'D'. Wara diskussjoni libera, kien hemm qbil bejn il-Kunsilliera prezenti illi kellha tinzamm laqgha mal-familjari tal-individwu msemmi bil-ghan illi l-Kunsill Lokali ikun jista' jkompli jahdem fuq il-materja.

**3.17 Aggornament tal-laqgha u data tas-seduta li jmiss**

**3.17.1** Is-seduta giet fi tmiemha fit-8:30p.m. wara li giet ezawrita l-agenda u giet aggornata ghat-2 ta' Ottubru 2019 fil-5:30 p.m.

Konfermati, illum 2 t'Ottubru, 2019

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| ____________________ | ________________________ |
| **Alison Zerafa Civelli** | **Duncan Hall** |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |